MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-13 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 3277/1996/1

**Saviour Schembri**

**Vs**

**Emanuel Vella**

**Il-Qorti;**

Rat l-Att tac-Citazzjoni pprezentat fl-20 ta' Novembru 1996 li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi fl-24 ta' Awissu 1994 l-esponent kien qed isuq il-mutur P - 7539 go Ghajn Rihana Burmarrad safa involut f' incident mal-vettura N - 8068 misjuqa mill-konvenut;

Premess illi dan l-incident gara unikament tort tal-konvenut minhabba imperizja, negligenza u nuqqas ta'

osservazzjoni tar-regoli tas-sewqan meta invada l-karregjata ta’ l-attur u konsegwenza ta’ dan sofra bosta danni inkluz dizabilita` permanenti;

Talab ghalhekk l-attur lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident u ghad-danni li b’ rizultat ta’ l-istess sofra l-istanti;

2. Tillikwida d-danni okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma hekk likwidata u dikjarata bhala dovuta;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-13.2.96 u dik datata 20.11.96 indirizzata lill-assigurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur, il-lista tax-xhieda minnu indikati u l-elenku tad-dokumenti esebiti ma’ l-att tac-citazzjoni;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut,ipprezentata fit-8 ta’ Awissu 1997 li permezz taghha huwa eccepixxa:-

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi m’ hemmx danni x’ jigu likwidati billi l-attur diga` gie kompensat ghad-danni attwalment sofferti;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet ta’ l-14 ta’ April 1999 li permezz tieghu gew nominati bhala esperti gudizzjarji Dr. Frederick Zammit Maempel u Dr. Irene Bonello biex ifittxu u jirrelataw dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehdu konjizzjoni

ta’ l-eccezzjonijiet sollevati u jaghmlu l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x’ jaqsmu mal-kaz; kif ukoll id-digriet tal-25 ta’ Gunju 1999 li bih gie nominat bhala espert psikjatra Dr. Joseph Pisani biex jassisti lill-esperti gja nominati fl-inkarigu taghhom;

Rat ir-relazzjonijiet ta’ l-esperti nominati li jinsabu a fol. 180 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati fis-seduta tat-8 ta’ Ottubru 2002;

Rat id-digriet ta’ l-10 ta’ Dicembru 2002 li permezz tieghu gew nominati bhala esperti addizzjonali Dr. George Debono, Dr. Charles Griscti u Dr. Mark Chetcuti u dan wara n-nota pprezentata mill-attur fil-15 ta’ Ottubru 2002;

Rat ir-relazzjonijiet ta’ l-esperti addizzjonali nominati li jinsabu a fol. 214 *et sequitur* tal-process u li gew minnhom debitament konfermati;

Rat l-Affidavits esebiti u t-traskrizzjonijiet tax-xhieda moghtija;

Rat in-nota ta’ osservazzjonijiet ipprezentata mill-attur fis-7 ta’ Dicembru, 2004;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

In essenza, l-odjerna istanza titratta minn talba ghar-rizarciment ta’ danni ghall-griehi personali sofferti fl-incident stradali li sehh fl-24 ta’ Awissu 1994;

Il-fatt ta’ l-accertament tal-htija kolpuza da parte tal-konvenut tidher skonatata f’ dan il-kaz.  Dan hu hekk evidenzjat mid-dikjarazzjoni ta’ Hugh P Zammit,

rapprezentant tas-socjeta` assiguratrici, li maghha l-konvenut kien assigurat. Ara Affidavit tieghu a fol. 45;

Il-kontestazzjoni vera u proprja tirrivolvi dwar id-danni pretizi ghall-korriment subit mill-attur f' dan l-incident u l-likwidazzjoni ta' l-istess danni;

Ghall-fini tal-valutazzjoni tad-dannu l-pregudizzju risarcibbli hu raffigurat f' "*damnum emergens*" u "*lucrum cessans*". Tali dannu jikkostitwixxi l-lezjoni ta' qaghda guridika soggettiva li l-ordinament taghna minn dejjem irrikonoxxa bhala meritevoli ta' tutela, sija jekk kien wiehed derivanti minn kuntratt sija jekk il-konsegwenza ta' fatt illecitu. Fil-kaz prezenti si tratta ta' sitwazzjoni extra-kontrattwali fejn l-attur, involut fl-incident imsemmi, jallega li ssubixxa lezjoni ta' l-integrita psiko-fizika tieghu;

Kif saput, matul medda twila ta' snin il-gurisprudenza llimitat ir-rizarciment ghall-ispejjez sostenuti u ghat-telf tar-redditu incidenti fuq il-patrimonju tal-persuna danneggjata. Kien hemm anke zmien meta t-total tad-dannu ma setax jissupera ceta somma statutorjament preskritta. Biz-zmien, senjatament bis-sahha tad-decizjoni klassika "**Butler -vs- Heard**", Qorti Civili, Prim' Awla, 28 ta' Frar 1967, beda jigi applikat kriterju b' riferiment ghad-dhul tal-paga, il-percentwali ta' l-invalidita`, l-eta` tad-danneggjat bil-limitazzjoni tal-*life expectancy* sa massimu ta' 20 sena. Anke din it-teorija pero` bdiet titqies sorpassata u in effetti ddahhal il-kriterju tal-hajja lavorattiva ("**Emanuel Agius -vs- Joseph Galea *et***", Qorti tal-Kummerc, 11 ta' Lulju 1989 u "**Kevin Agius -vs- Colin Murphy**", Qorti tal-Kummerc, 23 ta' Marzu 1989). Dan fis-sens li beda jittiehed qies tad-differenza bejn l-eta` tal-vittma u l-eta` pensjonabbli;

Anke hawn pero` gie avvertit illi "l-kriterju hu ghal kollox riskjuz u alejatorju, semplicement ghaliex wiehed ma jistax jivvizwalizza l-futur, u c-*chances and changes* tal-hajja huma tant varji li hu difficli ferm li wiehed jistabilixxi kriterji oggettivi li fuqhom kull kaz kellu jigi modellat.

Bizzejjed jinghad li l-aspettativa ta' hajja lavorattiva utili llum testendi oltre l-eta' pensjonabbli, li minn banda tfisser li l-vittma ser jibqa' jbati minn debilita' anke wara dik l-eta', u minn banda tfisser illi il-vittma ser ikun f' posizzjoni li tahdem f' xoghol fruttiferu oltre dik l-eta'. Il-grad u x-xorta ta' debilita` jassumu allura importanza determinanti kif taghmel ukoll il-kwalita` ta' xoghol, professjoni u kapacita` lavorattiva tieghu." - "**Lawrence Caruana -vs- Anthony Falzon**", Appell 5 ta' Ottubru 2001;

Huwa desumibbli minn dan kollu illi l-metodu tal-valutazzjoni tad-dannu fuq il-persuna kkostitwixxa sa mill-bidunett il-problema l-aktar spinuza, u nonostante bosta suggerimenti ta' teoriji u proposti varji baqa' ma giex adottat kriterju idoneu ta' uniformita` pekunjarja bazika. S' intendi, dejjem jibqa' li ghandu jittiehed kont ukoll ta' dik ic-certa flessibilita` dipendenti mill-pekuljarita` tal-kaz konkret. Dan ghaliex ir-rakkomandazzjoni ghall-kawtela ma ghandha tonqos qatt f' materja ta' likwidazzjoni. Forsi hu ghalhekk ukoll illi l-uniku kriterju l-aktar ammissibbli jibqa' forsi dak ekwitattiv, anke meta jigu krejati indikaturi gwida;

Premessi s-suesposti konsiderazzjonijiet, mill-ezami tar-rizultanzi istruttorji f' dan il-kaz din il-Qorti hi fis-sustanza sodisfatta illi bhala konsegwenza diretta ta' l-incident l-attur baqa' jsofri minn debilita` permanenti minhabba ksur fl-ghadam tad-driegh t' isfel tax-xellug kif ukoll f' wahda mill-ghadam iz-zghar tas-seba tax-xellug, bil-konsegwenza li dan jillimitah milli jaghmel xoghol ta' strapazz. L-ewwel espert mediku kklassifika din id-dizabilita` permanenti f' percentwali ta' hamsa fil-mija (5%) mentri t-tieni espert ortopediku rriskontra debilita` ta' sitta fil-mija (6%);

Huwa indisputat illi tali debilita` permanenti tikkonkorri ghad-dannu bijologiku. Dan qed jigi registrat in kwantu l-esperti psikjatrici, ukoll nominati f' dan il-kaz, stabbilew li l-

attur ma kienx ghad baqalu sinjali jew sintomi ta' menomazzjoni psikjatrika;

Minn naha l-ohra huwa disputat, tant li ta' spiss tqum il-kwestjoni f' uhud mill-kazijiet, jekk din l-istess debilita` permanenti (totali jew parzjali) ghandhiex tigi ezaminata fl-ambitu tad-dannu patrimonjali. Dan fis-sens illi jigi valutat f' liema mizura l-menomazzjoni fizika tkun incidiet fuq il-kapacita` li d-danneggjat jizvolgi attivita` lavorattiva specifka u allura fuq il-kapacita` tal-qliegh. Fi kliem iehor, jokkorri li jigi accertat ukoll, nonostante l-infortunju, jekk il-vittma setghetx taghmel xoghol iehor, konfacjenti ghall-kondizzjoni personali taghha u idonea ghall-akkwist ta' qliegh minn sorsi ohra ta' xoghol minflok dak mitluf jew ridott;

Il-gurisprudenza taghna donnha ttendi lejn il-veduta illi d-dizabilita` timplika nuqqas ta' opportunitajiet ta' xoghol alternattiv u dan in-nuqqas ta' ghazla huwa ta' zvantagg u wisq probabbli jikkaguna nuqqas ta' opportunitajiet ta' qliegh ahjar f' xoghol addattat ghal min ma ghandux dizabilita` fizika, senjatament f' kaz ta' xoghol manwali. Ara "**George Gatt -vs- Francis E. Cachia *nomine***", Appell, 7 ta' Lulju 1998. Gie deciz ukoll illi ma kienetx accettabbli s-sottomissjoni illi l-attur ma sofra xejn jekk sab impjieg b' rimunerazzjoni ghola. Ir-raguni moghtija hi dik illi d-debilita` permanenti kienet fattur oggettiv li kellu jigi tradott f' danni reali li jimpedixxi lill-vittma milli jespleta l-istess funzjonijiet u attivitajiet lavorattivi li kien possibbli ghalih li jespleta qabel l-incident. Ara "**Carmelo Micallef *et* -vs- John Pisani *et nomine***", Appell, 5 ta' Ottubru 2001;

Fil-hsieb ta' din il-Qorti is-soluzzjoni ghandha tkun dik illi fejn tirrizulta riduzzjoni tal-kapacita` tal-qliegh u, allura wkoll, ta' dak il-gwadann effettivament percepit ir-rizarciment, taht il-profil tal-*lucrum cessans*, ghandu jiehu qies tar-riduzzjoni tal-kapacita` ghal xoghol <u>specifiku</u>;

Fil-kaz in ispecje, anke minn dak estratt mir-rapporti ta' l-esperti medici, l-attur ma setax jizvolgi x-xoghol specifiku

li kien jaghmel b’ kawza diretta ta’ l-infortunju. Xoghol dan li skond ix-xhud Alexandra Falzon Scerri ghal Ellul Holdings (fol. 149) kien jikkonsisti f’ taghbija u hatt ta’ merkanzija konsistenti fi *plastic household goods*. Effettivament l-attur dam dizokkupat, b’ rizultat tal-griehi sofferti, mid-data tat-terminazzjoni ta’ l-impjieg (12 ta’ Gunju 1995) sa l-1 ta’ Jannar 1998, meta sab impjieg alternattiv;

Dan premess, il-perit legali addizzjonali sab li, konsiderata l-eta` ta’ l-attur (45 sena) fil-mument ta’ l-incident, u tenut kont tac-*chances and changes of life*, kien gust li jigi adottat *multiplier* ta’ *15 years purchase*. L-attur, pero` jikkritika l-komputazzjoni li mbaghad ghamel l-istess perit legali in bazi ghal dawn il-motivi:

i. li ma hax konsiderazzjoni taz-zieda fil-paga ghal futur;

ii. li kien zbaljat meta mit-telf tal-paga li ssubbixxa sakemm sab xoghol alternattiv naqqas il-beneficcju ricevut bhala ghajnuna socjali;

iii. li ma nkludiex bhala danni reali l-valur ta’ l-arlogg li ntilef fl-incident;

Kwantu ghall-kritika relattiva ghall-ewwel motiv din il-Qorti ma ssibx li l-adozzjoni da parti tal-perit legali tas-somma ta’ Lm2678, korrispondenti ghar-redditu li l-attur kien jippercepixxa fl-ahhar sena qabel l-incident hi, kollox ma’ kollox, zbaljata tenut qies tal-fatt li l-attur irnexxielu jsib xoghol redditizju alternattiv bi gwadann superjuri ghal dak li kellu. Fil-hsieb tal-Qorti, f’ kazijiet konsimili, il-likwidazzjoni tad-dannu ma ghandhiex necessarjament u bilfors iggib kwantifikazzjoni astratta biz-zieda fis-salarju izda ghandha tigi invece determinata fil-konkret tal-fatti maghrufa, kompriz il-fatt li l-attur sab xoghol rimunerattiv ghall-maggjor parti tad-durata tal-15-il sena adottati bhala *multiplier*. Dippju ma jidhirx li jezisti ebda fattur li wiehed

ghandu jiehu meta jigi biex jistabbilixxi l-paga medja annwali ghall-finijiet tal-komputazzjoni ghall-qliegh futur;

Dwar it-tieni lment ta' l-attur dan jidher li hu gustifikat anke ghaliex hu sostenut mill-gurisprudenza. Hekk gie deciz fis-sentenza fl-ismijiet "**Maria Pace *proprio et nomine* -vs- Joseph Abela**", Qorti Civili, Prim' Awla,,21 ta' Mejju 1993 illi "fir-rigward tas-sigurta` nazzjonali gie dejjem ritenut li l-ammont li wiehed jippercepixxi mill-Fond tan-National Insurance matul il-hajja lavorattiva tieghu ma ghandhomx jivvantaggjaw lid-danneggjant ghaliex dan huwa l-korrispettiv tal-kontribuzzjonijiet li, ghalhekk, m' ghandhomx jiffavorixxu lid-danneggjat ghall-istess raguni. (Prim' Awla, "**Lawrence Schembri *proprio et nomine* -vs- Vincent Raimondo**", 14 ta' Lulju 1971)";

Il-Qorti qeghda taccetta wkoll it-tielet ilment in kwantu d-dokument E14 (fol. 19), ghalkemm jirrisali ghal data antecedenti ghall-incident, hu dimostrattiv tal-fatt illi l-attur kien effettivament xtara l-arlogg, li ntiliflu fl-incident, b' dak il-prezz;

Fermi dawn il-konsiderazzjonijiet, il-*lucrum cessans* jikkorrispondi ghal Lm2678 x 15 x 6% = Lm2410. Minn dan l-ammont, tenut rigward tal-fatt li gja ghaddew ghaxar snin mid-data ta' l-incident d-deduzzjoni ta' 7% ghal *lump sum payment* taghmel sens u qed tigi accettata. Fuq dan il-punt il-gurisprudenza hi ormai wahda pacifika. Ara "**Hadrian Borg -vs- Mario Caruana**", Qorti Civili, Prim' Awla, 19 ta' Frar 1993 u "**Paul Xuereb *nomine* -vs- Emanuel Xuereb *proprio et nomine***", Qorti Civili, Prim' Awla, 5 ta' Ottubru 1995, fost ohrajn. Dan igib li l-ammont ta' *lucrum cessans* qed jigi ffissat fis-somma ta' elfejn mitejn u erbghin lira (Lm2240);

Kwantu ghad-*damnum emergens* l-attur sofra telf ta' tliet snin paga, ossija tmint elef erbgha u tletin lira (Lm2678 x 3) li maghhom iridu jizdiedu l-ispejjez medici u medicinali (Lm235) u t-telf ta' l-arlogg (Lm125);

B’ kollox ghalhekk l-attur ghandu dritt jircievi b’ rizarciment is-somma komplessiva ta’ ghaxart elef sitt mija erbgha u tletin lira Maltija (Lm10634) kwantu ghal elfejn mitejn u ebrghin lira (Lm2240) f’ *lucrum cessans* u kwantu ghal tmint elef tliet mija u erbgha u disghin lira (Lm8394) f’ *damnum ermergens.*

Ghal dawn il-motivi;

Taqta’ u tiddeciedi l-kawza billi, una volta ammessa r-responsabilita`, tillikwida d-danni subiti mill-attur ghal griehi personali fl-incident ta’ l-24 ta’ Awissu 1994 fl-ammont ta’ ghaxart elef sitt mija u erbgha u tletin lira Maltija (Lm10634). B’ hekk takkolji t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenut jirrizarcixxi lill-attur, in linea ta’ danni, l-ammont fuq likwidat;

L-ispejjez kollha guddizjarji jitbatew mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------